

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-
28 ta' Settembru 2017 – Openbaar Ministerie vs Daniel Adam Popławski**

(Kawża C-573/17)

(2017/C 412/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Amsterdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Openbaar Ministerie

Konvenut: Daniel Adam Popławski

Domandi preliminari

- 1) Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' implementazzjoni ma tistax tinterpreta d-dispożizzjonijiet nazżjonali adottati għall-implementazzjoni ta' deċiżjoni qafas b'tali mod li l-applikazzjoni tagħhom twassal għal riżultat konformi mad-deċiżjoni qafas, hija obbligata, skont il-prinċipju ta' supremazija, li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet nazżjonali inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija deċiżjoni qafas?
- 2) Id-dikjarazzjoni ta' Stat Membru prevista fl-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ⁽¹⁾, għandha tkun valida jekk din ma tkunx ġiet ippreżentata "fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas", iżda biss f'data ulterjuri?

⁽¹⁾ Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-3 ta' Ottubru
2017 – Oy Hartwall Ab**

(Kawża C-578/17)

(2017/C 412/28)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Oy Hartwall Ab

Konvenut: Patentti- ja rekisterihallitus

Domandi preliminari

- 1) Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-kundizzjoni dwar il-karattru distintiv ta' trade mark fis-sens tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks ⁽¹⁾, il-kwistjoni dwar jekk ir-reġistrazzjoni tat-trade mark hijiex mitluba bħala trade mark figurattiva jew bħala trade mark ta' kulur hija rilevanti?
- 2) Fil-każ li l-klassifikazzjoni ta' trade mark bħala trade mark ta' kulur jew trade mark figurattiva tkun rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tagħha, it-trade mark għandha tiġi rreġistrata, minkejja l-preżentazzjoni figurattiva tagħha, bħala trade mark ta' kulur, konformememnt mal-applikazzjoni għal trade mark, jew tista' tiġi rreġistrata biss bħala trade figurattiva?

- 3) Fil-każ li huwa possibbli li tiġi rreġistrata bħala trade mark ta' kulur, trade mark figurattiva, li hija rrappreżentata grafikament fl-applikazzjoni għal trade mark, bil-preċiżjoni meħtieġa skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mat-trade marks ta kulur (u li ma hijiex ir-reġistrazzjoni bħala trade mark tal-kulur fiha nfisha, astratta, mingħajr forma jew kontorn), huwa neċessarju li tiġi prodotta prova ta' użu effettiv bħal dik mitluba mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali, jew kwalunkwe prova oħra?

(¹) ĠU 2008, L 299, p. 25

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (l-Estonja) fl-4 ta' Ottubru 2017 –
Mittetulundusühing Järvelaev vs Põllumajanduse Registrate ja Informatsiooni Amet (PRIA)**

(Kawża C-580/17)

(2017/C 412/29)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Qorti tar-rinviju

Riigikohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Mittetulundusühing Järvelaev

Konvenut: Põllumajanduse Registrate ja Informatsiooni Amet (PRIA)

Domandi preliminari

- 1) Fir-rigward tal-irkupru ta' sussidju ta' proġett mogħti fil-kuntest ta' miżura "Leader", jekk is-sussidju ngħata fis-6 ta' Settembru 2011, l-aħħar ħlas akkont sar fid-19 ta' Novembru 2013, il-ksur kien ikkonstatat fl-4 ta' Diċembru 2014 u d-deċiżjoni ta' rkupru kienet adottata fis-27 ta' Jannar 2015, fir-rigward tar-rekwiżit dwar it-tul tal-operazzjoni, għandu jiġi applikat l-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (¹) jew l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (²) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill? F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-irkupru huwa bbażat fuq l-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 (³) jew fuq l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (⁴) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill?
- 2) Fl-ipoteżi fejn għall-ewwel domanda tingħata r-risposta li għandu jiġi applikat ir-Regolament Nru 1698/2005, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li tkun irċeviet sussidju tagħti b'kera l-oġġett (dgħajsa bil-qluġh) miksub bħala l-investment sostnut permezz tas-sussidju ta' proġett, mogħti fil-kuntest ta' miżura "Leader", lil assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru oħra li tuża d-dgħajsa bil-qluġh għall-istess attività bħal dik li għaliha l-benefiċjarju tas-sussidju rċieva dan tal-aħħar għandu jiġi kkunsidrat bħala modifika sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 72 (1)(a) tar-Regolament Nru 1698/2005, li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet ta' implementazzjoni tal-investment jew li tikseb vantaġġ indebitu lil impriża? Sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni dwar il-vantaġġ indebitu, l-aġenzija ta' pagament tal-Istat Membru għandha tikkonstata f'hiex kien jikkonsisti konkretament il-vantaġġ? Jekk tingħata risposta affermattiva, il-vantaġġ indebitu jista' jikkonsisti fil-fatt li l-utent reali tas-suġġett tal-investment ma kienx jibbenefika minn sussidju ta' proġett li kieku ressaq huwa stess talba bl-istess kontenut?
- 2a) Fl-ipoteżi fejn għall-ewwel domanda tingħata r-risposta li għandu jiġi applikat ir-Regolament Nru 1303/2013, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li tkun irċeviet sussidju tagħti b'kera l-oġġett (dgħajsa bil-qluġh) miksub bħala l-investment sostnut permezz tas-sussidju ta' proġett, mogħti fil-kuntest ta' miżura "Leader", lil assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru oħra li tuża d-dgħajsa bil-qluġh għall-istess attività bħal dik li għaliha l-benefiċjarju tas-sussidju rċieva dan tal-aħħar għandu jiġi kkunsidrat bħala bidla sostanzjali li taffettwa n-natura, l-għanijiet jew il-kundizzjonijiet ta' implementazzjoni tal-investment fis-sens tal-Artikolu 71(1)(c) tar-Regolament Nru 1303/2013, li jwassal sabiex l-għanijiet inizjali tiegħu jiġu ppreġudikati?